# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 6**

**Rikors Maħluf Numru: 534/2012/1 JRM**

**Carmelo Fenech; u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2013 il-kawża tkompliet f'isem martu Pawla Fenech wara l-mewt tal-attur waqt li miexja l-kawża**

***v.***

***Malta Freeport Terminals Limited*;**

***CMA CGM SA***

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Mejju 2019 li sabet illi s-soċjetà konvenuta *Malta Freeport Terminals Limited* hija weħeda responsabbli għall-inċident li seħħ fl-4 ta' Awwissu 2009 u li fih korra l-attur u għalhekk ikkundannat lill-istess

soċjetà sabiex tħallas lill-attriċi kumpens ta' erbgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€34,648.50). L-appell jolqot il-*quantum* tal-kumpens.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … … l-attur twieled fis-sena 1957 u li meta ġara l-inċident kellu tnejn u ħamsin sena. L-inċident seħħ fil-għaxija tal-4 ta' Awissu tal-2009 meta l-attur kien tqabbad ma' oħrajn biex isir il-ħatt ta' kontejners fuq il-bastiment *Marguerite*. Dak iż-żmien, huwa kien jaħdem bħala *registered port worker* u kien qed jagħti servizz lill-*Freeport*.
>
> »Dakinhar tal-inċident, l-attur jgħid li kien liebes *safety equipment* provdut mill-*Malta Dockers' Union*, li kien jikkonsisti f'*helmet*, *safety shoes*, *vest* u ingwanti;
>
> »Dakinhar li seħħ l-inċident l-attur kien xogħol f'Kalafrana b'xift mill-erbgħa ta' wara nofs in-nhar sa nofs il-lejl. Għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija, l-attur kien qed jaħdem, flimkien ma' Joseph Caruana, fuq il-vapur *MV Marguerite*. Sid il-vapur *MV Marguerite* kienet il-kumpannija *Middleham Castle Shipping Company Limited* li daħlet f'*time charter agreement* fuqu ma' *CMA*.
>
> »Kemm l-attur u kif ukoll Joseph Caruana tqabbdu mill-*Freeport* biex jagħmlu xogħol ta' *unlashing* fuq dan il-vapur, li kien jikkonsisti f'li jħollu l-irbit tal-*containers* minn ma' xulxin sabiex setgħu jinħattu minn fuq il-bastiment u jitniżżu l-art fit-*terminals* tal-*Freeport*. Dan kien jinvolvi li, filwaqt li wieħed mill-ħaddiema jibda jħoll il-*bottlescrew*, il-ħaddiem l-ieħor iżomm il-*lashing rod* min-naħa opposta sabiex b'hekk il-*bottlescrew* jinħall b'anqas tbatija. Il-*containers* kienu marbuta b'*lashing rods* b'mod dijagonali u kienu mgħobbija *one high*, jiġifieri wieħed waħdu, fuq in-naha tal-ġenb tal-bastiment. L-attur jgħid illi hekk kif Joseph Caruana kien qed iħoll il-*bottlescrew*, billi l-ilsien tal-*lashing rod* ma kienx tal-qies addattat, il-*lashing rod* żganċat ruħha minn mat-toqba tal-kwadrant, li wassal biex l-attur tilef il-bilanċ u waqa' għoli ta' madwar żewġ metri għal ġol-passaġġ tal-vapur.
>
> »Jirriżulta wkoll illi x-xogħol ta' bil-lejl kien isir fid-dawl tal-bozoz tal-vapur, u l-vapur *MV Marguerite* kellu nuqqas ta' lqugħ għall-ħaddiem, li kien ikun jaħdem fuq pjattaforma. Il-*Freeport* kien ilha taf b'dan in-nuqqas sa minn sena qabel, iżda qabel l-inċident tal-4 ta' Awwissu 2009 ma ttieħdu ebda passi, la minnha u l-anqas mis-sid jew l-agent tal-vapur biex dan n-nuqqas jitranġa. Jirriżulta wkoll illi l-uffiċjal tal-*Freeport* responsabbli mis-saħħa u siġurtà fil-ħin li ġara l-inċident ma kienx xogħol.
>
> »Bil-waqgħa, l-attur ġarrab kemm ksur f'saqajh kif ukoll weġġa' fl-għarqub ta' siequ x-xellugija, u fis-16 ta' Frar 2011 l-attur ġie ċertifikat li ġarrab debilità li ma tgħaddix ta' ħmistax fil-mija (15%), filwaqt illi fit-13 ta' Mejju, 2011, fil-fehma tal-Bord Mediku li jirrapporta lid-Dipariment tas-Sigurtà Soċjali, id-debilità tqieset ta' sitta punt wieħed ħamsa fil-mija (6.15%).

»L-attur dam il-bogħod mix-xogħol mill-5 ta' Awwissu 2009 sal-24 ta' April 2011. Meta reġa' daħal lura għax-xogħol, daħal f'*roster* u wettaq xogħol kemm bħala sewwiq ta' vetturi, *twist locker* kif ukoll dak ta' *lashing*, iżda fl-ebda ħin ma għamel xogħol *light duty'*.

»Fit-22 ta' Lulju 2011 u 26 ta' Lulju 2011, l-attur talab b'ittra uffiċjali lill-*Freeport* u lil *CMA* rispettivament biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għad-danni mġarrbin minnu fl-inċident.

»Fil-29 ta' Mejju 2012 l-attur fetaħ din il-kawża. Huwa miet fit-2 ta' Jannar 2013.«

3. L-attur talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi s-soċjetajiet intimati huma flimkien u solidalment responsabbli, jew min minnhom, għall-inċident li fih korra ir-rikorrent li seħħ fl-4 ta' Awissu 2009 fil-*Freeport Terminal*, Kalafrana abbord il-vapur *Marguerite*, kif fuq spjegat;

»2. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-inċident … … …;

»3. tikkundanna lis-soċjetajiet intimati flimkien u solidalment, jew min minnhom, biex iħallsu lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati;

»Bl-ispejjeż … … …«

4. *Malta Freeport Terminals Limited* ċaħdet ir-responsabilità.

5. B'nota tas-27 ta' Jannar 2014 l-attriċi ċediet il-kawża safejn tolqot lill-konvenuta l-oħra *CMA CGM S.A.*

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-kumpannija mħarrka *Malta Freeport Terminals Limited* waħedha taħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha fil-4 ta' Awissu 2009 u għad-debilità li ma tgħaddix li l-attur kien ibati minnha minħabba dawk il-ġrieħi;

»tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€ 34,648.50);

»tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka *Malta Freeport Terminals Limited* tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' erbgħa u tletin elf sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 34,648.50);

»ticħad l-eċċezzjonijiet tal-imsemmija kumpannija mħarrka … u

»tordna li l-istess kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża, minbarra dawk marbuta mal-kumpannija l-oħra mħarrka.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal-likwidazzjoni tad-danni, li huwa l-meritu ta' dan l-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni li l-attur ġarrab u tal-kumpens li jistħoqqlu jiġbor, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa l-attur qiegħed jitlob kumpens għat-telf kemm dam ma jaħdimx (*damnum emergens*) kif ukoll għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*)[1].
>
> »F'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ.
>
> »Il-kliem "inkapaċità għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv".
>
> »Hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn.
>
> »Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn *past pecuniary loss* u *future pecuniary loss*. Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*".
>
> »Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali.

---

[1] Telf ta' qligħ, kemm fl-imgħoddi u kemm għall-ġejjieni huwa *lucrum cessans* – qligħ li waqaf milli jidħol – u mhux *damnum emergens*.

»Il-qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[2].

»Ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment. Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż.

»F'dan ir-rigward, il-qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn. Għalhekk meta l-qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal.

»F'dan il-każ hemm ċirkostanza oħra li l-qorti ma tistax twarrab fil-kejl tagħha tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur. L-attur miet fil-bidu tal-2013 meta kien għad għandu ħamsa u ħamsin (55) sena u madwar erba' (4) snin wara l-inċident. Ma ntwera bl-ebda mod li l-mewt tiegħu kienet marbuta mal-korriment li ġarrab fl-inċident jew li ġrat minħabba f'dak l-inċident. Jidher li l-mewt tiegħu kienet minħabba kawżi naturali.

»Dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu tnejn u ħamsin (52) sena. L-aħħar dħul tiegħu skond l-FS3 relattiva għas-sena 2009 kien dak ta' €40,654 gross għal perjodu bejn 1 ta' Jannar u l-4 ta' Awissu 2009. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €7,907 bħala taxxa, u €3,362.32 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett huwa dak ta' €29,384.68. B'mod proporzjonali, li kieku l-attur ħadem sal-aħħar tas-sena 2009, bejn il-5 ta' Awissu 2009 u il-31 ta' Dicembru 2009, id-dħul tiegħu gross kien ikun ta' €20,327, li fih is-somma ta' €5,634.66 bejn taxxa u kontribuzzjoniiet ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa ta' €14,962.34, li miżjud mas-somma netta ta' €29,384.60, iwassal għad-dħul nett ta' €44,347.02 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009. Minħabba ċ-ċirkostanzi li ssemmew fil-paragrafu ta' qabel dan, il-qorti sejra tqis din is-somma bħala l-moltiplikand, bla ma tagħmel żidiet.

»Għar-raġunijiet mtennija aktar qabel, il-qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-espert mediku *ex parte*, u għaldaqstant ser tqis illi l-attur għandu debilità li ma tgħaddix ta' ħmistax fil-mija (15%).

»Dwar l-għadd tas-snin li l-qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak innhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tliet snin, billi dan ma jistax ikun itwal miż-żmien li l-attur baqa' ħaj sa wara l-inċident.

---

2 »App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt *v.* Carbone *noe* (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242)«

»Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ *lump sum payment*), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident. Il-qorti jidhrilha illi ma kienx hemm telf ta' żmien mill-attur. F'dan il-każ, il-qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għal għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur.

»Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u sitta u ħamsin euro u sittax-il ċenteżmu (€19,956.16).

»Għal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens*, l-attur jistrieħ fuq provi dokumentali mressqa mill-*manager* tal-Iskema tal-Ħaddiema tal-Port minn fejn jirriżulta illi tul iż-żmien li dam ma jistax jidħol lura għax-xogħol sakemm kien qiegħed ifiq, l-attur tilef l-ammont gross ta' mija u sitt elef, tmien mija wieħed u disgħin euro, u sittin ċenteżmu (€106,891.60). Il-qorti ma tistax taqbel mal-attur, madankollu, u taqbad u tgħodd dik is-somma kollha bħallikieku kienet id-dħul likwidabbli lill-attur bħala telf diġà mġarrab maqtugħ mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar it-telf għall-ġejjieni.

»Għaldaqstant il-qorti sejra tqis dik is-somma, imma minnha tnaqqas x'kien iħallas l-attur bħala taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà spċjali. Għalhekk, wara li jittieħdu dawn l-aspetti in konsiderazzjoni, l-ammont nett li jifdal jitla' għal €68,212.60[3]. Minn din is-somma jrid jitnaqqas id-dħul bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' April 2011 billi dan l-ammont ġie meqjus meta l-Qorti ħadmet l-ammont dovut bħala *lucrum cessans* u, jekk kemm-il darba ma jitnaqqasx, l-attur ikun ġie kumpensat darbtejn għall-istess żmien. Dan iwassal biex l-ammont gross li l-attur tilef bħala dħul bejn l-5 ta' Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009 li huwa ta' €20,32778, iżda wara t-tnaqqis ta' taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali jwassal għal ammont nett ta' erbatax-il elf, sitt mija u tnejn u disgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€14,692.34).

»Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissha titħallas l-attriċi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' €19,956.16, filwaqt li tillikwida fis-somma ta' €14,692.34 d-danni diġà mġarrba (*damnum emergens*[4]). B'kollox il-kumpens likwidat jitla' għal erbgħa u tletin elf sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 34,648.50). Il-Qorti tqis li l-atturi ma talbux l-imgħaxijiet f'din il-kawża;

»Għalhekk il-qorti sejra tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet … … …«

---

3 »Dan l-ammont inħadem b'mod proporzjonali meħud kont ta' kemm l-attur ħallas taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali fis-sena 2009 fuq dak li jidher fuq Dok. "FSB" f'paġ. 127 tal-proċess meta mqabbla ma' dħul gross ta' €133.125.91 kif jirriżulta minn Dok. "GC1" f'paġ. 236 tal-proċess.«

4 Kif ġà ngħad fuq (ara *fn.* 1) dan ma huwiex *damnum emergens* iżda *lucrum cessans*.

8. L-attriċi appellat b'rikors tal-5 ta' Ġunju 2019 li *Malta Freeport Terminals Limited* wieġbet għalih fit-3 ta' Lulju 2019.

9. Għalkemm l-appellanti ressqet tliet aggravji, dawn kollha jolqtu l-*quantum* tal-kumpens u għalhekk sejrin jitqiesu flimkien.

10. L-ewwel żewġ aggravji jolqtu l-kumpens illi l-ewwel qorti (u, fir-rikors tal-appell, anke l-appellanti) erronjament qisitu bħala *damnum emergens* iżda illi fil-fatt huwa *lucrum cessans* għax huwa telf ta' dħul.

11. Dawn l-aggravji ġew imfissra hekk:

> »L-ewwel qorti kienet erronja fil-komputazzjoni tagħha meta ħadet in konsiderazzjoni l-element ta' taxxa u l-*NI*[5] għar-rigward tal-likwid-azzjoni tad-*damnum emergens* sofferti mill-attur.
>
> »Meta l-ewwel qorti ġiet sabiex tillikwida d-*damnum emergens* sofferti mill-attur, erronjament naqset milli tinkorpora / tikkalkula t-telf tal-qligħ tiegħu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011. *Inoltre*, strettament mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jirri-żulta li t-tnaqqis tat-taxxa fid-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mis-somma ta' €106,891.60 ġie kalkolat erronjament għaliex dan l-istess tnaqqis wassal għas-somma ta' €68,212.60 bħala telf ta' qligħ għal dan l-istess perjodu.
>
> »… … …
>
> »1. L-Ewwel Aggravju – illi l-ewwel qorti kienet erronja meta naqqset somma rappreżentanti taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali fuq l-ammont likwidat bħala *damnum emergens* ossia telf ta' salarju għal dak il-perjodu li fih l-attur ma setax jaħdem minħabba l-korriment li sofra
>
> »… … …
>
> »… … … l-ewwel qorti ma kellha tagħmel ebda tnaqqis rappreżentanti t-taxxa fir-rata approssimattiva, imma mhux korretta, u kif ukoll tnaqqis rappreżentanti kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali li waslet għalihom l-istess qorti, u li skont l-ewwel qorti kienet tkun dovuta fuq l-ammont likwidat bħala *damnum emergens ossia* telf ta' salarju għal dak il-perjodu li fih l-attur ma setax jaħdem minħabba l-korriment li sofra; l-appellant jissottometti li mill-ammont likwidat favur tiegħu l-ewwel qorti ma kellhiex tagħmel dan it-tnaqqis, kif lanqas kellha tiddipartixxi mill-formula kostanti li l-qrati tagħna adoperaw tul is-snin f'dan ir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, fejn ġie wkoll maħluq prinċipju ġdid illi ma huwiex san għaliex jagħti lok għal pluralità ta' problemi.

---

5 *National Insurance*, jew, aħjar, kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali

»Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-23 ta' Novembru 1983 fl-ismijiet Caruana *v* Farrugia, "Issa, kif inhuwa risaput m'għandha ssir ebda deduzzjoni ta' *PA.Y.E … j*ew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali, mill-ammont tad-danni likwidat favur il-parti leża".

»Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 1972 fl-ismijiet Muscat *et v.* Schembri *et*, ingħad hekk:

> »"Xi każ reċenti issemmiet il-possibilità li l-qorti tagħmel anke deduzzjoni oħra mis-somma likwidata bħala danni għat-telf ta' qligħ futur, u dana, kif ġie adombrat f'dan il-każ, in rispett għall-*income tax* li kienet tkun pagabili mid-*decujus* kieku baqa' ħaj, jew mill-persuna oħra infortunata f'każ ta' eżitu mhux fatali. Il-qorti mhix tal-fehma li huwa dover tal-qrati li jidħlu f'dan il-meritu. Il-qorti għandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni għat-telf ta' qligħ futur u mhux li tagħmilha ta' speċi ta' *tax collector* bir-riżultat li tiffavorixxi lid-debitur tad-danni u taggrava d-danneġġata, in kwantu l-ewwel wieħed jiġi jħallas inqas milli għandu proprjament jiġi likwidat u t-tieni wieħed, għall-bżonn, ikun irid jerġa' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilità li jkun ġie qiesu ħallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darb'oħra, fuq is-somma ġà minorata, lill-gvern. Fi kwalunkwe każ l-*income tax* għandha titħallas lill-gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet ċivili u l-kalkolu tagħha jista' jiddependi fuq diversi ċirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-gvern u d-danneġġat, li l-qorti ma tkun taf xejn fuqhom, u għalhekk il-qorti lanqas m'għandha biss tesprimi opinjoni, fuq ħaġa li mhix ta' kompetenza tagħha."

»Għar-raġunijiet espressi fil-kawżi appena ċitati, partikolarment dik ta' Muscat *et v.* Schembri *et*, hemm ukoll il-fatt li mid-deduzzjoni li għamlet il-qorti mis-somma likwidata rappreżentanti *income tax* li skont hi hija dovuta, l-*fiscus* każ ma ser jieħu xejn imma din is-somma ta' tnaqqis ser tibqa' għand is-soċjetà konvenuta f'din il-kawża. L-appellanti hija tal-fehma illi l-qorti ma kellha tagħmel l-ebda tnaqqis f'dan is-sens, salv l-obbligu tal-appellanti li tottempera ruħha mal-liġijiet fiskali u l-obbligu tagħha li tħallas kull taxxa dovuta minnha, dejjem jekk dovuta.

»Il-konklużjoni tal-ewwel qorti twassal għal xenarju indesiderat billi ser ikun ifisser li l-ammont ridott u rappreżentanti skont l-ewwel qorti "taxxa dovuta", ma ser jiġi riċevut qatt mill-*fiscus* u se jibbenefika minnu d-danneġġjant biss li ser iżomm dan l-ammont għandu. Dana kollu jgħodd ukoll għal dak li jirrigwardja t-tnaqqis rappreżentanti kontribuzzjonijiet soċjali.

»Iqum ukoll id-dibattitu dwar li l-appellanti ma tistax tiġi esposta li tħallas it-taxxa fuq l-ammont likwidat mill-qorti jew parti minnu, wara li minn dan l-ammont hekk likwidat diġà tnaqqas ammont rappreżentanti, skont l-ewwel qorti, taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali li kienet tkun dovuta, u għalhekk tiġi preġudikata darbtejn. U d-danneġġjant iżomm dan l-ammont li suppost jirrappreżenta taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali fil-but u l-appellanti jkollha ddaħħal idejha fil-but biex tħallas it-taxxa jekk din tiġi reklamata.

»L-appellanti tagħmilha ċara li kull ma trid hu li ma titpoġġiex f'sitwazzjoni fejn, mis-somma likwidata, terġa' tiġi kostretta tħallas it-taxxa meta ammont suppost rappreżentanti din it-taxxa diġà ġie mnaqqas mill-qorti u mħolli għand id-danneġġjant.

»Hu propju għalhekk illi l-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna hi li, f'kawża bħal dik odjerna, il-qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjoni bejn id-danneġġjat u l-awtoritajiet fiskali rispettivi. U għalhekk ukoll li l-komputazzjoni tad-danni dejjem tiġi kalkolata fuq l-introjtu sħiħ tad-danneġġjat u mhux kif għamlet l-ewwel qorti, fejn imbagħad id-danneġġjat (jew f'dan il-każ il-werrieta tiegħu) irid, u għandu l-obbligu, li jirregola l-posizzjoni fiskali tiegħu mal-awtoritajiet.

»Sinifikanti ferm ukoll hu l-fatt li, fis-sentenza ta' <u>Azzopardi *v.* Caruana</u>, dik il-qorti marret pass *oltre* u kkummentat ukoll *obiter* dwar l-i*status* tat-"taxxabilità" *o meno* ta' danni likwidati f'sentenza ta' qorti.

»2. Meta l-ewwel qorti ġiet sabiex tillikwida d-*damnum emergens* sofferti mill-attur, erronjament naqset milli tinkorpora / tikkalkula t-telf tal-qligħ tiegħu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011. *Inoltre*, strettament mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jirriżulta li t-tnaqqis tat-taxxa fid-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mis-somma ta' €106,891.60ċ ġie kalkolat erronjament għaliex dan l-istess tnaqqis wassal għas-somma ta' €68,212.60ċ bħala telf ta' qligħ għal dan l-istess perjodu.

»L-ewwel qorti llikwidat id-danni subiti mill-attur fl-ammont komplessiv ta' erbgħa u tletin elf sitt mija tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€34,648.50ċ).

»Minn qari tas-sentenza relattiva, jidher illi dan l-ammont ġie komputat hekk kif ġej:

»• €14,692.34ċ rappreżentanti *damnum emergens* u *cioè* t-telf tad-dħul tal-attur għall-perjodu ta' bejn il-5 t'Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009, u

»• €19,956.16ċ rappreżentanti *lucrum cessans*.

»Kif jirriżulta mill-atti proċesswali l-attur dam ma jistax jidħol lura għax-xogħol mid-data tal-inċident, u *cioè* l-5 t'Awissu 2009 sal-24 t'April 2011 u għalhekk mat-talba tal-attur għad-*damnum emergens* kien hemm ukoll it-telf ta' introjtu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011, u mhux biss it-telf ta' introjtu għall-perjodu ta' bejn l-5 t'Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.

»Dawn id-danni fil-fatt ġew aċċettati mill-ewwel qorti fejn fil-kunsiderazzjonijiet tagħha jingħad hekk:

> »"L-attur dam il-bogħod mix-xogħol mill-5 t'Awwissu 2009 sal-24 t'April 2011. Meta reġa' daħal lura għax-xogħol, daħal f'*roster* u wettaq xogħol kemm bħala sewwiq ta' vetturi, *twist locker* kif ukoll dak ta' *lashing*, iżda fl-ebda ħin ma għamel xogħol *light duty*."

»Ukoll … saħansitra jingħad hekk:

> »"Għal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens*, l-attur jistrieħ fuq provi dokumentali mressqa mill-*manager* tal-Iskema tal-Ħaddiema tal-Port minn fejn jirriżulta illi, tul iz-zmien li dam ma jistax jidħol lura għax-xogħol sakemm kien qiegħed ifiq, l-attur tilef l-ammont gross ta' mija u sitt elef, tmien mija wieħed u disgħin euro, u sittin ċenteżmu (€106,891.60). Il-qorti ma tistax taqbel mal-attur, ma-dankollu, u taqbad u tgħodd dik is-somma kollha bħallikieku kienet id-dħul likwidabbli lill-attur bħala telf diġà mġarrab maqtugħ mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar it-telf għall-ġejjieni;

»"Għaldaqstant il-qorti sejra tqis dik is-somma, imma minnha tnaqqas x'kien iħallas l-attur bħala taxxa tad-dħul u kontri-buzzjonijiet ta' sigurtà spċjali. Għalhekk, wara li jittieħdu dawn l-aspetti in konsiderazzjoni, l-ammont nett li jifdal jitla' għal €68,212.60. Minn din is-somma jrid jitnaqqas id-dħul bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' April 2011 billi dan l-ammont ġie meqjus meta l-qorti ħadmet l-ammont dovut bħala *lucrum cessans* u, jekk kemm-il darba ma jitnaqqasx, l-attur ikun ġie kumpensat darbtejn għall-istess żmien."

»Dak dovut lill-attur rappreżentanti telf ta' salarju għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011 ma ġiex rifless fil-kalkolu tad-*damnum emergens*.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha meta ġiet sabiex tagħmel il-kalkolu tagħha tad-*damnum emergens* għamlet referenza għall-perjodu li fih l-attur dam rikoverat u qabel it-tnaqqis tat-taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali waslet għas-somma ta' €106,891.60 bħala telf ta' qligħ għall-perjodu ta' bejn il-5 t'Awissu 2009 u l-24 t'April 2011.

»L-ewwel qorti waslet għas-somma ta' €106,891.60ċ minn dokument li ġie preżentat mix-xhud George Ciantar, li huwa *manager* tal-*port workers*. Mill-istess dokument jirriżulta li meta mqabbel ma' *port worker* ieħor (li jaħdem l-istess xogħol li kien jaħdem l-attur), fil-perjodu li dam rikoverat l-attur tilef is-somma ta' €133,125.91. Minn din is-somma skont dak illi xehed George Ciantar l-attur irċieva mill-*insurance* s-somma ta' €26,234.31. Għalhekk il-qorti waslet għas-somma ta' €106,891.60 qabel it-tnaqqis tat-taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali.

»Mbagħad il-qorti kompliet billi qalet illi minn din is-somma ta' €106,891.60 sejra tnaqqas x'kien iħallas l-attur bħala taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u waslet għas-somma ta' €68,212.60. L-ewwel qorti tat l-ispjegazzjonijiet tagħha ta' kif waslet għal dan it-tnaqqis fil-*footnote* numru 77[6], fejn ingħad illi 'Dan l-ammont inħadem b'mod proporzjonali meħud kont ta' kemm l-attur ħallas taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali fis-sena 2009 fuq dak li jidher fuq Dok. "FSB" f'paġ. 127 tal-proċess meta mqabbla ma' dħul gross ta' €133,125.91ċ kif jirriżulta minn Dok. "GC1" f'paġ. 26 tal-proċess".

»Strettament mingħajr ebda preġudizzju għall-ewwel aggravju, u f'każ biss illi din il-qorti tiċħad l-ewwel aggravju, jirriżulta li apparti li l-ewwel qorti bi żvista naqset milli tinkludi t-telf ta' salarju għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011, ikkalkolat b'mod erronju it-tnaqqis tat-taxxa fid-dħul u kif ukoll it-tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mis-somma ta' €106,891.60 għaliex dan wassal għas-somma żbaljata ta' €68,212.60.

»Kif ġà ngħad il-qorti waslet għat-tnaqqis fit-taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali b'mod proporzjonali meħud kont ta' kemm l-attur ħallas taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali fis-sena 2009. Il-komputazz-joni tal-ewwel qorti fir-rigward tat-tnaqqis tat-taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali tinsab … fejn il-qorti qalet hekk:-

6 F'din is-sentenza jidher bħala *fn.* 3.

»Dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu tnejn u ħamsin (52) sena. L-aħħar dħul tiegħu skond l-FS3 relattiva għas-sena 2009 kien dak ta' €40,654 gross għal perjodu bejn 1 ta' Jannar u l-4 ta' Awissu 2009. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €7,907 bħala taxxa, u €3,362.32 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett huwa dak ta' €29,384.68. B'mod proporzjonali, li kieku l-attur ħadem sal-aħħar tas-sena 2009, bejn il-5 ta' Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009, id-dħul tiegħu gross kien ikun ta' €20,327, li fih is-somma ta' €5,634.66 bejn taxxa u kontribuzzjonjiiet ta' sigurtà soċjali.

»L-ewwel qorti waslet għas-somma ta' €5,634.66 bħala taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali bil-mod segwenti:-

»a) Dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-4 t'Awissu 2009 kien ta' €40,654 gross li fih jgħodd is-somma ta' €7,907 bħala taxxa, u €3,362.32 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali (flimkien is-somma ta' €11,269.32). Dan ifisser illi l-ewwel qorti ikkonkludiet li b'mod approssimattiv kull xahar l-attur kien iħallas is-somma ta' €1,408.67 (€11,269.32 / 8 xhur);

»b) Infatti meta l-ewwel qorti ġiet biex tasal għat-tnaqqis ta' bejn il-5 t'Awissu u l-31 ta' Diċembru 2009, it-tnaqqis tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali kien ta' €5,634.68 (€1,408.67 għal erba' xhur).

»Dan ġie rifless ukoll … meta l-qorti waslet għall-kalkolu tagħha għat-telf ta' qligħ għall-perjodu ta' bejn il-5 t'Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009.

»Dak dovut lill-attur rappreżentanti telf ta' salarju għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011 ma ġiex rifless fil-kalkolu tad-*damnum emergens*.

»Għalhekk, u mingħajr ebda preġudizzju għall-ewwel aggravju, b'mod proporzjonali, għall-perjodu li l-ewwel qorti bi żvista naqset milli tinkludi fil-kalkolu tagħha tad-*damnum emergens*, u *cioè* għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011, l-attur tilef is-somma ta' €85,513,28.

»It-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011 skont kif kalkolat minn din il-qorti bir-rata ta' €1,408.67 jammonta għas-somma ta' €22,538.72.

»Għalhekk it-telf nett tal-attur għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 t'April 2011 iwassal għas-somma ta' €62,975.56.

»Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi huwa evidenti li din il-qorti erronjament naqset illi apparti li kkalkolat it-tnaqqis fit-taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali b'mod erronju, naqset ukoll li tinkorpora / tikkalkula dan l-ammont fil-kalkoli tagħha tad-*damnum emergens*.

»Dan l-iżball jirriżulta wkoll b'mod evidenti billi filwaqt li l-ewwel qorti aċċettat li l-attur dam ma jistax jidħol lura għax-xogħol għall-perjodu ta' għoxrin xahar, illikwidat is-somma komplessiva ta' €14,692.34 bħala telf ta' qligħ, li minn kif jidher ċar mill-istess sentenza, dak kien jirrifletti d-dħul tal-attur għall-perjodu ta' bejn il-5 t'Awissu 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011.«

12. It-tielet aggravju tal-attriċi jolqot il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni u ġie mfisser hekk:

> »3. L-ewwel qorti kienet erronja meta ġiet sabiex tikkomputa l-*lucrum cessans ossia* l-*loss of future earnings*[7] u dana billi wżat il-kriterju tad-dħul gross li minnu naqqset it-taxxa u kif ukoll kontribuzzjonijiet soċjali, u għalhekk il-komputazzjoni ġiet li saret fuq id-dħul net.
>
> »Mbagħad hemm aggravju ieħor konsistenti fil-fatt li għal dak li jirrigwarda l-prinċipju tal-likwidazzjoni tad-danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur, fil-kawża odjerna l-ewwel qorti wżat metodu differenti minn dak li solitament jiġi użat f'kawżi tal-istess natura, fosthom dik deċiża fis-16 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet George Zammit *v. Malta Freeport Terminals Limited et*.
>
> »Dan għaliex fil-komputazzjoni, meta fil-każ odjern il-qorti kkomputat il-*lucrum cessans ossia* l-*loss of future earnings*, il-qorti wżat il-kriterju tad-dħul gross li minnu naqqset it-taxxa u anke l-porzjon tal-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali, u għalhekk fuq id-dħul net.
>
> »F'dan ir-rigward terġa' ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet George Zammit *v. Malta Freeport et*; l-istess qorti *invece* ħadmet il-komputazzjoni dwar telf ta' qligħ futur abbażi tas-salarju gross, u għalhekk hemm varjazzjoni rrikonċiljabbli fil-prinċipju bejn il-likwidazzjoni / komputazzjoni tal-*future earnings* kif inħadmet minn dik il-qorti fil-kawża ta' Zammit, għal dik użata fis-sentenza appellata.«

13. *Malta Freeport Terminals Limited* wieġbet hekk:

> »… … … fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni aggravju tal-appellanti, l-esponenti tagħmel riferenza għall-kawża … fl-ismijiet Anthony Azzopardi *et v.* Anthony Caruana (677/2009 deċiża fl-4 ta' Mejju 2015), liema kawża hija *res judicata* u ġiet ikkwotata diversi drabi mill-qrati tagħna. L-insenjament li 'ttina dina l-kawża huwa l-oppost ta' dak deċiż fil-kawżi kkwotati mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha li bir-rispett kollu huma kawżi antiki li jirrisalu għas-snin 1972 u 1983 rispettivament. *Inoltre*, għandu jiġi rilevat li l-artikolu 12(1)(*h*) tal-Att dwar it-Taxxa (Kap. 123) jipprovdi li "kull somma kapitali … imdaħħla bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korriment" mhuwiex taxxabbli.
>
> »Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tieni aggravju filwaqt li tirrileva li taqbel mal-kalkoli tal-ewwel qorti, tirrileva li l-ewwel qorti ma naqsitx erronjament li tinkludi t-telf tal-qliegħ għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-24 ta' April 2011. Dina l-esklużjoni l-ewwel qorti għamlitu konsapevolment wara li qieset il-liġi, senjatament l-Artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qieset ukoll il-provi kollha. Dana jwassal għall-punt li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti.«

---

[7] Għal darba oħra: *lucrum cessans* ma huwiex *loss of future earnings*; *lucrum cessans* huwa *loss of earnings*.

14. Il-kwistjonijiet essenzjalment huma tnejn:

    i. jekk kellhomx jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mid-dħul tal-attur għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* (u għal darb'oħra nagħmluha ċara li *b'lucrum cessans* nifhmu telf ta' dħul kemm fl-imgħoddi u kemm għall-ġejjieni); u

    ii. jekk hemmx żbalji aritmetiċi fil-kalkoli tal-ewwel qorti.

15. Dwar it-taxxa, l-art. 12(1)(*h*) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* [Kap. 123] jgħid hekk:

> »**12.** (1) Ikunu eżenti mit-taxxa –
>
> »… … …
>
> »(*h*) kull somma kapitali mdaħħla … bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korrimenti.«

16. Dan huwa benefiċċju mogħti mil-liġi lill-kontribwent tat-taxxa, *i.e.* lid-danneġġjat mhux lid-danneġġjant, għax li tgħid u trid il-liġi hu illi d-danneġġjat jirċievi l-kumpens mingħajr ma jħallas taxxa fuqu. Kif irraġunat l-ewwel qorti dan il-benefiċċju ħadu d-danneġġjant, is-soċjetà konvenuta, u mhux id-danneġġjat, l-attur. Huwa ovvju għalhekk illi r-raġunament tal-ewwel qorti huwa ħażin.

17. Dwar il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-art. 16(3) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali [Kap. 318] igħid hekk:

> »**16.** (3) Kontribuzzjoni għandha tiġi wkoll akkreditata lil xi persuna assigurata –

»(*a*) għal kull ġimgħa kalendarja għal kull jum li fiha skont l-artikol[u] … 28[8] … tkun intitolata għal … Benefiċċju għal Korriment …«

18. Għal darb'oħra dan huwa benefiċċju mogħti lill-persuna li tkorri, mhux lill-persuna li tkorriha. Għalhekk lanqas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma kellhom jitnaqqsu minn dan li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur.

19. L-aggravju dwar tnaqqis ta' taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għalhekk sejjer jintlaqa'.

20. Ngħaddu issa għall-kalkolu tal-kumpens, li kellu jinħadem hekk:

    i. għaż-żmien li l-attur ma kienx jaħdem u għalhekk ma kellux dħul, bejn il-5 ta' Awwissu 2009 sal-24 ta' April 2011, il-kumpens għandu jkun daqs it-telf kollu li ġarrab;

    ii. għaż-żmien wara li l-attur reġa' beda jaħdem regolarment sa meta ġie nieqes, bejn il-25 ta' April 2011 u t-2 ta' Jannar 2013, billi l-attur ġarrab debilità li ma fieqx minnha ta' 15% il-kumpens għandu jkun daqs ħmistax fil-mija (15%) tad-dħul tiegħu matul dak iż-żmien. Fil-każ tallum billi nafu meta ġie nieqes l-attur il-*multiplier* huwa magħruf u ma hemmx għalfejn jiġi stmat bħalma soltu jsir.

21. Is-somma totali għandha titħallas lill-attriċi tallum, bħala werrieta tal-attur, bla ebda tnaqqis talli s-somma qiegħda titħallas f'daqqa – bħala *lump sum* – mhux "għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għal għeluq tagħha

[8] »… meta persuna assigurata li ma tkunx għalqet l-età meta wieħed jirtira ssofri korriment personali minħabba f'inċident li jiġri minħabba jew fil-kors ta' impieg tagħha … jekk f'perijodu ta' tnax-il-xahar mid-data tal-inċident jew minn meta bdiet il-marda, tkun, minħabba fil-korriment jew fil-marda, inkapaċi għax-xogħol.«

ma jaħtix għalih l-attur", kif qalet l-ewwel qorti, iżda għax il-ħlas effett-ivament sejjer isir b'lura u mhux bil-quddiem, u għalhekk l-attriċi ma hijiex sejra tieħu l-benefiċċju li tirċievi bil-quddiem ħlas li kellu jsir fil-ġejjieni.

22. Mill-1 ta' Jannar 2009 sakemm seħħ l-inċident fl-4 ta' Awwissu 2009 – mitejn u sittax-il (216) jum – l-attur kellu dħul ta' erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u ħamsin euro (€40,654), kif jixhed id-dokument fiskali (*FS3*) relattiv għas-sena 2009[9]. Għalhekk, bl-istess rata ta' ħlas mill-5 ta' Awwissu 2009 sal-24 ta' April 2011 – sitt mija u tmienja u għoxrin (628) jum – id-dħul tal-attur, li ma kienx għall-inċident, kien ikun madwar mija u tmintax-il elf u mija u tmienja u disgħin euro (≈ €118,198)[10]. Matul dan il-perjodu iżda l-attur daħħal sitta u għoxrin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€26,234.31) mill-assikurazzjoni[11], u għalhekk it-telf jinżel għal madwar wieħed u disgħin elf, disa' mija u sittin euro (≈ €91,960)[12].

23. Mela l-*lucrum cessans* għall-ewwel perjodu – dak li matulu l-attur ma ħadimx – jiġi wieħed u disgħin elf, disa' mija u sittin euro (≈ €91,960).

24. Ngħaddu issa għat-tieni perjodu – dak ta' sitt mija u dsatax-il (619) jum bejn il-25 ta' April 2011 u t-2 ta' Jannar 2013 – meta l-attur reġa' daħal regolarment għax-xogħol u għalhekk il-kumpens ikun daqs ħmistax fil-mija (15%) tal-*multiplicand*.

---

9 *Fol.* 127

10 €40,654.00 ÷ 216 × 628 = €118,197.74

11 Ara x-xhieda ta' George Ciantar, *manager* tal-ħaddiema tal-port, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014, *fol.* 248 *et seq.* u dok. GC 1, *fol*. 236.

12 €118,197.74 - €91,963.43 = €91,963.43

25. Bħala *multiplicand* nieħdu d-dħul għas-sena 2008, li l-attur ħadimha sħiħa, b'żieda nominali minħabba l-għoli tal-ħajja billi ż-żmien huwa relattivament qasir. Id-dokument fiskali (*FS3*) relattiv għas-sena 2008[13] juri illi d-dħul kollu tal-attur matul l-2008 kien ta' sebgħa u ħamsin elf u sbatax-il euro (€57,017)[14], jew mija u ħamsa u ħamsin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€155.78). Bħala *multiplicand* għalhekk nistgħu nimxu fuq ċifra ta' mija u sittin euro (€160) kuljum biex jagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja matul iż-żmien relattivament qasir tal-*multiplier*.

26. Id-dħul għal sitt mija u dsatax-il (619) jum jiġi disgħa u disgħin elf u erbgħin euro (€99,040)[15]. Billi d-debilità tal-attur kienet ta' ħmistax fil-mija (15%) il-kumpens għal *lucrum cessans* għal dan il-perjodu jiġi erbatax-il elf, tmien mija u sitta u ħamsin euro (€14,856)[16].

27. B'kollox mela l-*lucrum cessans* jiġi b'kollox, għaż-żewġ perjodi msemmija fuq, mija u sitt elef, tmien mija u sittax-il euro (€106,816)[17].

28. Ma saret ebda prova dwar *damnum emergens*.

29. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn illikwidat danni ta' erbgħa u tletin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€34,648.50) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' mija u sitt elef, tmien mija u sittax-il euro (€106,816) flimkien

---

13 *Fol.* 126

14 €57,017 ÷ 366 = €155.78 (is-sena 2008 kienet bisestili)

15 €160 × 619 = €99,040

16 €99,040 × 15% = €14,856

17 €91,960+ €14,856 = €106,816

mal-imgħaxijiet relattivi minn dakinhar tas-sentenza appellata. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

30. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell tħallashom *Malta Freeport Terminals Limited*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss